



Brussell, 19 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

12558/25

COPS 430  
CFSP/PESC 1295  
CSDP/PSDC 540  
PSC DEC 41  
EUTM RCA 9

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) u li tkassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2192 (EUTM RCA/1/2025)

## **DEĊIJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/...**

**ta' ...**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE  
tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea  
fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA)  
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2192  
(EUTM RCA/1/2025)**

**IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L 104, 20.4.2016, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2016/610/oj>.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jħaddem il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA), u huwa awtorizzat li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, inkluż deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandanti sussegwenti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.
- (2) Fis-27 ta' Awwissu 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2192<sup>2</sup>, li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Nicolae-Gabriel OROS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM RCA.
- (3) Fil-5 ta' Awwissu 2025, l-awtoritajiet militari Rumeni pproponew il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Claudiu-Mădălin TAMAS biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Nicolae-Gabriel OROS bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM RCA.
- (4) Fit-8 ta' Awwissu 2025, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE appoġġa l-proposta li saret mill-awtoritajiet militari Rumeni.
- (5) Fl-14 ta' Awwissu 2025, il-Kumitat Militari tal-UE rrakkomanda li l-Brigadier Ġeneral Claudiu-Mădălin TAMAS jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM RCA mit-30 ta' Settembru 2025.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/2192 tas-27 ta' Awwissu 2024 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2112 (EUTM RCA/1/2024) (ĠU L, 2024/2192, 7.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2192/oj>).

- (6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier General Claudiu-Mădălin TAMAŞ bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni ta' EUTM RCA u jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2192 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Brigadier General Claudiu-Mădălin TAMAŞ huwa b'dan maħtur il-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) mit-30 ta' Settembru 2025.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2192 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-30 ta' Settembru 2025.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà  
Il-President*